SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 38/KA1/14

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 25/02/'14** **38**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 25/02/'14** **48**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 21/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2014

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon
Il-Membru Micheal La Rosa

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati:- Is-Sindku Peter Bonello

1.05 Assenti: (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-19 ta' Frar 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament - Co-option ta' Membru
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 37/KA1/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 37/KA1/13.

1.3.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P46 Email mingħand Transport Malta rigward Taxi stand fi Triq San Ġorġ.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P46

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward *Taxi Stand* fi Triq San Ġorġ. Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ġie nfurmat li l-*Un/Loading Bay* ser tibda tintuża bħala *Taxi Stand* wara l-ħinijiet tal-*Un/Loading Bay.*

**3. Aġġornament - *Co-option* ta' Membru**

3.01 Iċ-Ċermen reġa' nforma lill-Kumitat li għadu ma sab lil ħadd li hu nteressat.

**4 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kumitat dwar il-proposti li tressqu waqt il-laqgħa ta' *National Tourism Zones Committee* fir-rigward ta' Paceville. Dawn jinkludu li ssir latrina pubblika ġewwa Paceville u li jiġi rranġat it-*traffic managment* ta' Paceville.

4.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville joġġezzjona li jibqgħu jinħargu l-permessi mill-Kunsill skont il-Leġislatura Sussidjarja 441 artiklu 10 għat-Twaqqif ta' Posta jew Kiosk ġewwa Paceville. Dan minħabba li qed jitħalla ħafna ħmieġ u jirrikomanda lill-Kunsill li jieħu l-istess pożizzjoni.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Il-Membru Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 283 sa nru. 285 (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 283 sa 285.

6.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.05 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 26 ta' Marzu 2014 fl-10.00a.m.

6.06 Il-laqgħa ntemmet fil- 11.20a.m.

| | |
|---|---|
| **Richard Scicluna** | **Helen Walker** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |